

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 706/2012**tal-1 ta' Awwissu 2012****li jemenda għall-175 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fl-20 ta' Lulju 2012, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi persuna fiżika mil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet tiegħu li għalihom japplikaw l-iffriżar ta' fondi u

riżorsi ekonomiċi wara li ġew ikkunsidrati t-talbiet għat-tħassir minn fuq il-lista sottomessa minn dan l-individwu u r-Rapport Komprensiv tal-Ombudsperson stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1904(2009). Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jemenda żewġ entrati fil-lista.

- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2012.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18 Volum 01 p. 294).

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha titħassar:

"Ali Mohamed El Heit (magħruf ukoll bħala (a) Kamel Mohamed, (b) Ali Di Roma (c) Ali Il Barbuti). Data tat-twelid: (a) 20.3.1970, (b) 30.1.1971. Post tat-twelid: Rouiba, l-Alġerija. Indirizz: 3 Via Ajraghi Milan, l-Italja. Tagħrif ieħor: Isem l-omm hu Hamadche Zoulich. Data tal-klassifikazzjoni msemija fl-Artikolu 2a (4) (b): 17.3.2004."

(2) L-entrata "Moussa Ben Omar Ben Ali **Essaadi** (magħruf ukoll bħala (a) Dah Dah, (b) Abdelrahman, (c) Bechir). Indirizz: is-Sudan. Data tat-twelid: 4.12.1964. Post tat-twelid: Tabarka, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Nru tal-passaport: L335915 (passaport Tuneżin maħruġ fit-8.11.1996, skada fis-7.11.2001). Tagħrif ieħor: Meqjus maħrub mill-ġustizzja mill-awtoritajiet Taljani (sa minn Novembru 2009). Data tal-klassifikazzjoni msemija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.6.2003" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tinbidel bi:

"Moussa Ben Omar Ben Ali **Essaadi** (magħruf ukoll bħala (a) Dah Dah, (b) Abdelrahman, (c) Bechir). Indirizz: it-Tuneżija. Data tat-twelid: 4.12.1964. Post tat-twelid: Tabarka, it-Tuneżija. Nazzjonalità: Tuneżina. Nru tal-passaport: L335915 (passaport Tuneżin maħruġ f'Milan, l-Italja fit-8.11.1996, skada fis-7.11.2001). Tagħrif ieħor: Telaq mis-Sudan għat-Tuneżija fl-2011. Data tal-klassifikazzjoni msemija fl-Artikolu 2a (4) (b): 25.6.2003."

(3) L-entrata "Ibrahim Awwad Ibrahim **Ali Al-Badri Al-Samarrai** (magħruf ukoll bħala (a) Dr. Ibrahim 'Awwad Ibrahim 'Ali al-Badri al-Samarrai', (b) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Badri al-Samarrai, (c) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Samarrai', (d) Dr. Ibrahim Awwad Ibrahim al-Samarrai, (e) Abu Du'a, (f) Abu Duaa', (g) Dr. Ibrahim, (h) Abu Bakr al-Baghdadi al-Husayni al-Quraishi, (i) Abu Bakr al-Baghdadi. Titlu: Dr. Indirizz: l-Iraq. Data tat-twelid: 1971. Post tat-twelid: Samarra, l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqina. Tagħrif ieħor: (a) Mexxej tal-Al-Qaida fl-Iraq; (b) Bħalissa bbażat fl-Iraq; (c) Responsabbli għall-amministrazzjoni u d-direzzjoni ta' operazzjonijiet tal-AQI fuq skala kbira; (d) Huwa magħruf sew bin-nom de guerre (Abu Du'a, Abu Duaa'). Data tal-klassifikazzjoni msemija fl-Artikolu 2a(4)(b): 5.10.2011" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tinbidel bi:

"Ibrahim Awwad Ibrahim **Ali Al-Badri Al-Samarrai** (magħruf ukoll bħala (a) Dr. Ibrahim 'Awwad Ibrahim 'Ali al-Badri al-Samarrai', (b) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Badri al-Samarrai, (c) Ibrahim 'Awad Ibrahim al-Samarrai', (d) Dr. Ibrahim Awwad Ibrahim al-Samarrai, (e) Abu Du'a, (f) Abu Duaa', (g) Dr. Ibrahim, (h) Abu Bakr al-Baghdadi al-Husayni al-Quraishi, (i) Abu Bakr al-Baghdadi. Titlu: Dr. Indirizz: l-Iraq. Data tat-twelid: 1971. Post tat-twelid: (a) Samarra, l-Iraq, (b) l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqina. Tagħrif ieħor: (a) Mexxej tal-Al-Qaida fl-Iraq; (b) Bħalissa bbażat fl-Iraq; (d) Huwa magħruf sew bin-nom de guerre (Abu Du'a, Abu Duaa'). Data tal-klassifikazzjoni msemija fl-Artikolu 2a(4)(b): 5.10.2011."